SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 39/K4/04

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 9/12/'04 184**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 9/12/'04 237**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2004.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.30 p.m.

1.03 Preżenti: Erba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużati: Il-Kunsilliera Robert Camenzuli u Marcel Scicluna.

1.05 Assenti: Il-Kunsilliera Irene Borg.

1.06 Preżenza tal-pubbliku: 2

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-3 ta' Diċembru 2004. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport ta' Xogħolijiet
4. Budget Preparation
5. Tender Mini Van
6. Tender Lamp-Post
7. Skips

8. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 38/K4/04 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 38/K4/04.

1.3.03 Il-Kunsillier John Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 4335 | Ittra mingħand it-TCTC rigward korsijiet ġodda u voucher ta' Lm15. |
| 4336 | Ittra mingħand id-Dipartiment ta' l-Artijiet rigward Sqaq Mrabat. |
| 4363 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward kumitat konġunt dwar il-Bring in Site. |
| 4418 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali San Ġwann rigward risposta għall-ittra tal-Kunsill Lokali Pembroke. |
| 4635 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward risposta għall-ittra tal-Kunsill Lokali San Ġwann. |
| 4443 | Ittra ta' ringrazzjament mingħand Sur Herber Richer. |
| 4479 | E-mail mingħand l-RTK rigward Kampanja RTK Dar tal-Providenza. |
| 4565 | Ittra mingħand il-Ministeru għall-Ġustizzja u Intern rigward regolamentazzjoni ta' min huwa impjegat fis-settur tas-sigurta' privata. |
| 4568 | Ittra mingħand l-Eċċellenza tiegħu l-President Dr. Edward Fenech Adami rigward donazzjoni għall-Malta Community Chest Fund. |
| 4600 | Fax mingħand l-ADT rigward it-traffiku fit-Triq B'Kara junction ma' Triq Imrabat. |
| 4607 | Ittra mingħand ir-Richmond Foundation rigward donazzjoni. |

4608 Ittra mingħand in-Northern Cleaning Cooperative Ltd rigward servizz ta' kull nhar ta' Ħadd mill-1 t'Ottubru 2002.

4627 Email mingħand id-Dipartiment għall-Informazzjoni rigward l-avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern.

4639 Ittra mingħand l-Għassa ta' San Ġiljan rigward ħruġ ta' permessi.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru 4335

B'riferenza għall-voucher ta' Lm15 mingħand it-TCTC, ġie deċiż li dan jintuża għall-użu tal-Kunsill.

2.03 Rif. Nru 4336

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment ta' l-Artijiet rigward Sqaq Imrabat il-Kunsill qabel li tintbagħat kopja ta' din l-ittra lir-residenti tat-Triq il-Qalb Imqaddsa. Għaldaqstant ser tingħata aktar informazzjoni mis-Sindku lil min ser tintbagħat l-ittra.

2.04 Rif. Nru 4363, 4418 u 4635

B'riferenza għall-ittri mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke u l-Kunsill Lokali San Ġwann rigward il-Bring in Site, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jistenna aktar informazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali San Ġwann.

2.05 Rif. Nru 4479

B'riferenza għall-ittra mingħand l-RTK rigward kampanja għad-Dar tal-Providenza ġie deċiż unanimament li tingħata donazzjoni ta' Lm 50 lid-Dar tal-Providenza – Siġġiewi. Din id-donazzjoni ser tiġi ppreżentata waqt il-programm ta' l-RTK.

2.06 Rif. Nru 4568

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Eċċellenza tiegħu l-President Dr. Edward Fenech Adami ġie deċiż unanimament li tingħata donazzjoni ta' Lm100 lill-Malta Community Chest Fund. Din id-donazzjoni ser tiġi ppreżentata waqt il-programm l-Istrina.

2.07 Rif. Nri 4600

B'riferenza għall-fax mingħand l-ADT rigward it-traffiku fit-Triq B'Kara junction ma' Triq Imrabat ġie deċiż unanimament li Triq B'Kara tibqa' two way għall-karozzi tal-linja biss, filwaqt li l-karozzi ż-żgħar jgħaddu

minn Triq B'Kara (mal-ġemb tal-Belmont Hotel fuq in-naħa tax-xellug ġej minn naħa ta' San Ġwann) u jitilgħu mit-Triq il-Kulleġġ l-Antik għal Triq Imrabat. Madankollu t-trakkijiet u karrozzi oħra kbar jibdew jgħaddu minn Triq Reġjonali.

2.08 Rif. Nru 4607

B'riferenza għall-ittra mingħand ir-Richmond Foundation ġie deċiż unanimament li jingħataw donazzjoni ta' Lm50.

2.09 Rif. Nru 4608

Saret riferenza għall-ittra mingħand in-Northern Cleaning Co-operative Ltd rigward it-tender fejn talba biex jitħallas ta' servizz ta' kull nhar ta' Ħadd mill-1 t'Ottubru 2002. Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li l-ġbir ta' l-iskart ta' l-istabillimenti kummerċjali ma jinġabarx mill-kuntrattur tal-Kunsill iżda dawn għandhom il-kollettur tagħhom. Madankollu wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jieħu parir legali.

2.10 Rif. Nru 4627

Saret riferenza għall-e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Informazzjoni rigward ħlas bill-quddiem ta' Lm4 għal kull avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lil dan id-dipartiment fejn nistaqsuhom jekk jaċċettawx li jsir ħlas bil-quddiem ta' Lm20 u meta jibqa' l-aħħar Lm4 jinfurmawna biex jerġa jintbagħat pagament ieħor ta' Lm20. Dan sabiex b'din is-sistema t-talbiet għall-pubblikazzjoni ta' avviżi jibqgħu jintbagħtu bil-fax jew e-mail u b'hekk jiġi evitat kull dewmien bla bżonn li jista jinqala'.

2.11 Rif. 4639

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Supretendent Bartholomew Mula rigward il-ħruġ ta' permessi ġie deċiż unanimament li kopja ta' din l-ittra titpoġġa fin-Notice Board u li jsir avviż ieħor mill-Kunsill li jgħid li mit-23 ta' Diċembru 2004 sa 4 ta' Jannar 2005 mhux ser jinħarġu permessi f'San Ġiljan u f'Paceville kollu.

## 3. Rapport ta' Xogħolijiet

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li kien qed iressaq ir-rapport, li ntbagħat lill-Kunsilliera , dwar **'Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2004/05, kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja'** għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Kunsillier Nicky Pillow issekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament

3.05 Ġie deċiż li dan ir-rapport jidher fil-ħarġa tal-magażine li jmiss.

**4 Budget Preparation**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Budget / Business Plan Preparation għas-sena finanzjarja 2005/06 (Ara Appendiċi 'B'). Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker tat spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Nicky Pillow ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan Preparation.

4.03 Il-Kunsillier John Agius issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Ġie deċiż unanimament li jekk wara l-laqgħa tal-lokalita' jirriżulta li ma jkunx hemm il-bżonn ta' aġġustament għar-rapport dan jiġi approvat kif inhu.

**5. Tender Mini Van**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'Shedule li tinkludi l-informazzjoni dwar minn ittenderja (Ara Appendiċi 'Ċ')

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ħadd mill-applikanti ma sottometta l-Bid-Bond kif mitlub fit-tendering procedures.

5.03 Iċ-Chairman Peter Bonello ppropona li:-

- ✓ l-ebda offerta ma tiġi kkunsidrata peress li ħadd ma sottometta l-Bid-Bond.
- ✓ Terġa tinħareġ sejħa għall-offerti u jiġi miżjud li l-van ikun jesa' minimu ta' 14 il-seater, u li jkun hemm pick up point ukoll ħdejn il-Qalb ta' Ġesu fil-Pjazza Spinola.
- ✓ Il-kuntratt preżenti jiġi mġedded sakemm jingħażel il-kuntrattur il-ġdid

5.04 Il-Kunsillier John Agius issekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Tender Lamp-Post

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'Shedule li tinkludi l-informazzjoni dwar min ittenderja (Ara Appendiċi 'D')

6.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Nicky Pillow ippropona li tintgħażel l-offerta ta' E. Calleja and Sons Ltd.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Skips

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq mozzjoni speċjali li tgħid:-

**Qed issir riferenza għad-deċiżjoni li ttieħded fl-laqgħa tat-30 ta' Settembru 2004 (Minuti 36/K4/04) dwar it-tneħħija ta' l-iskips.**

**Minħabba li jidher li hemm min qiegħed joġġezzjona li dawn l-iskips jitneħħew kollha nipproponi li fejn hu possibbli jitħallew** (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Din il-mozzjoni ġiet iffirmata mis-Sindku Peter Bonello u l-Viċi Sindku Nicky Pillow.

7.03 Il-Kunsillier John Agius issekondahom.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

8.02 Il-Kunsillier John Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Nicky Pillow issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

9.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1765 sa 1773 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ġ').

9.02 Il-Kunsillier Nicky Pillow ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

9.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10. Materji Oħra**

10.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

10.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

10.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:

- ✓ fir-rigward it-tiżjin tad-dawl intgħażlet il-kwotazzjoni ta' Mica Med Ltd peress li l-offerta tiegħu kienet l-aktar waħda vantaġġjuża (Ara Appendiċi 'Ħ').

- ✓ rigward il-ħarġa tat-tfal ħadd ma applika.

- ✓ saret laqgħa ma' l-Isteering Committee ta' Residents' Parking Scheme nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru 2004. F'din il-laqgħa nġibdet l-attenzjoni li l-massimu tat-timed parking huwa ta' 90 minuta għaldaqstant ma jistax isir ta' sagħtejn u li ma jsirux l-istickers għar-residenti għar-raġuni li fejn saru dawn kien hemm aktar vandaliżmu fuq il-vetturi tar-residenti. Għaldaqstant f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jirċievi mingħand l-ADT l-approvazzjoni għar-Residents' Controlled Parking Scheme.

10.04 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li peress li l-Kunsillier Marcel Scicluna m'attendix għall-ikla tad-29 ta' Novembru huwa wera x-xewqa li l-ammont tal-flus li ma ntefqux għal sehmu jintbagħtu lid-Dar tal-Providenza. Madankollu jekk ma jattendix għall-ikla ta' nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru jixtieq li dawn il-flus ukoll jintbagħtu lid-Dar tal-Providenza.

10.05 Il-Kunsill ma laqax din it-talba biex ma jinħoloqx preċedent.

10.06 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-leave programm ta' l-impjegati ( Ara Appendiċi 'I'). Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-bilanċ tal-leave annwali tas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker ta' sittax il-ġurnata u ta' l-iskrivana Lindsay Debattista ta' jumejn u tlett siegħat jiżdied mal-leave annwali tas-sena d-dieħla.

10.07 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker infurmat lill-Kunsill li ġibdet l-attenzjoni ta' l-iskrivani biex sa Settembru jittieħed 75% tal-*leave.*

10.08 Ġie deċiż li:-

- ✓ tintbagħat ittra lis-Supretendent Bartolomew Mula biex issir aktar ronda u sorveljanza mill-pulizija minħabba serq li qed isir fil-lokalita'.
- ✓ Tintbagħat ittra lill-Għonnella Restaurant minħabba li saret bankina quddiem ir-restaurant, fi Triq il-Knisja, mingħajr il-permess tal-Kunsill u li din ser titneħħa jekk fi żmien għaxar tijiem ma tintbagħatx kopja tal-permess lill-Kunsill.

10.09 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-6.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello<br>Sindku | Helen Walker<br>SegretarjuEżekuttiv |